Alexander Cushieri

vs

Melita Ltd (C 12715)

CCT 120/23/CC

Illum 12 ta' Marzu 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fit-28 ta' Gunju 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €200 (mitejn ewro) rapprezentanti flus imhallsa mir-rikorrenti minhabba xoghol hazin li sar mis-socjeta intimata fil-propjeta tieghu.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn preliminarjament, esponiet is-segwenti:

> *Primarjament is-socjeta Melita tixtieq tirrimarka li t-talba li ghamel is-Sur Cuschieri mhijiex relatata mal-kontijiet tal-Melita kif stipulat fl-ittra ta' referenza annessa mat-talba tieghu. Is-Sur Cuschieri ma ghadux klijent tal-Melita u ma hemmx ammont pendenti relatat mal-kontijiet, u dan kif stipulat f'Artiklu 20 (1) (b) tal-Kap 378.*

Inoltre, is-socjeta intimata avvanzat diversi eccezzjonijiet ulterjuri li jirrigwardaw il-mertu, li mhux ser jigu riprodotti f'dan l-istadju, u dan sabiex tigi determinata l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata.

Ra li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024 r-rikorrenti ddepona *viva voce* u s-socjeta intimata pproduciet il-provi taghha.

Ra li l-partijiet ikkonkludew il-provi taghhom, u li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024 din it-talba thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi preliminarjament ghandha tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata qieghda tibbaza l-eccezzjoni taghha fuq l-Artikolu 20 (1) tal-Kapitolu 378 tal-Ligjiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti:

> *Tribunal ikollu gurisdizzjoni li jisma u jaqta' talbiet maghmula minn konsumaturi kontra kummercjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imghax u l-ispejjez, ma jkunx aktar minn hemest elf ewro (€5,000), u meta t-talba jkollha x'taqsam ma', tohrog minn, jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament, -*
>
> *(a)ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oggetti minghand kummercjant;*
>
> *(b)l-ghoti ta' servizzi minn kummercjant lil konsumatur.*

Illi jirrizulta li r-rikorrenti xehed viva voce fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024, u essenzjalment l-ilment tieghu jirrelata ma' allegata hsara sofferta minnu fil-vilestrun, minhabba li s-socjeta intimata ghaddiet wire. Fuq domanda in kontro ezami, r-rikorrenti kkonferma li huwa ma huwiex klijent tas-socjeta intimata.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda avvanzata mir-rikorrenti fid-dawl tar-risposta tas-socjeta intimata, u b'mod partikolari ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari. Illi huwa evidentement car li r-rikorrenti fuq ammissjoni tieghu stess, ma huwiex klijent tas-socjeta intimata, u l-ilment tieghu ma jirrelatax ma' relazzjoni ta' konsumatur ma' kummercjant. Ghalhekk, l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, timmerita konferma u ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata u jichad it-Talba avanzata mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru